PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU EURÓPSKY PARLAMENT
EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

ASSEMBLEIA DA REPÚBLICA

PROGRAMM

LAQGĦA TAL-KUMITAT KONĠUNT
fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u ta' l-Assembleia da República tal-Portugall

IL-FUTUR TA' L-UE
BĦALA ZONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

It-Tnejn 26 p.m. u t-Tlieta 27 a.m. ta' Novembru 2007

Parlament Ewropew, Brussell
Bini Paul-Henri Spaak, Emiċiklu

Sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, il-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew iltaqgħu biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-ħolqien ta' zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ). Matul is-sentejn li għaddew, ġew organizzati wkoll laqgħat konġunti formali. Barra minn hekk, għal kwistjonijiet partikolari, ġie kkunsidrat il-ħolqien ta' kumitati konġunti, bħal pereżempju għall-Europol[1]. Dawn il-laqgħat jagħtu opportunità lil Membri tal-Parlament Ewropew u ta' Parlamenti Nazzjonali biex jiddiskutu l-iżviluppi istituzzjonali u politiċi fi ħdan l-AFSJ, kwistjonijiet li huma partikolarment importanti għaċ-ċittadini Ewropej.

It-Trattat ta' Riforma mhux biss isaħħaħ l-irwol tal-Parlamenti Nazzjonali fiz-zona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jerġa' jsaħħaħ il-koperazzjoni bejn Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew fil-politiki kollha ta' l-UE iżda jistabbilixxi wkoll koperazzjoni

[1] L-idea ta' kumitat konġunt ta' membri tal-Parlament Ewropew u ta' Parlamenti Nazzjonali biex jissorvelja l-Europol kienet suġġerita l-ewwel mill-Komunikazzjoni dwar il-Kontroll Demokratiku ta' l-Europol ta' Marzu 2002. Din l-idea ġiet inkluża f'verżjonijiet bikrin tal-proposti Daniżi biex tiġi emendata l-konvenzjoni ta' l-Europol, iżda ma ġietx inkluża fil-verżjoni li fuqha ntlaħaq approċċ ġenerali f'Diċembru 2002. Ir-raġuni kienet li l-leġiżlazzjoni Ewropea primarja biss (it-Trattati Ewropej infushom) għandha s-setgħa li tistabbilixxi kumitati parlamentari formali ta' kwalunkwe tip.

trasparenti bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u Parlamenti Nazzjonali fl-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-UE fiz-zona tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (Artikolu 64 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea[1].

Tabilħaqq l-Artikolu l-ġdid 8c[2] jipprovdi għall-"*parlamenti nazzjonali [biex] jikkontribwixxu attivament għall-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni (...) billi jieħdu sehem, fil-qafas ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fil-mekkaniżmi ta' valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-linji ta' politika ta' l-Unjoni f'dan l-ispazju, skond l-Artikolu 64 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, u billi jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ politiku ta' l-Europol u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Eurojust skond l-Artikoli 69 K u 69 H tat-Trattat imsemmi (...) [u] billi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew, skond il-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea".*

It-Trattat ta' Riforma għandu jsaħħaħ ukoll l-abilità ta' l-UE li ssir zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minħabba li huwa għandu:

- joħloq qafas legali u istituzzjonali wieħed u simplifikat (li għandu jieħu post l-istruttura attwali ta' "pilastri") u
- itejjeb il-leġittimità demokratika (billi jiġġeneralizza l-proċedura ta' kodeċiżjoni u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill).

B'hekk dan it-Trattat se jġib bidliet fundamentali għall-mod kif il-politiki ta' l-UE fiz-zona tagħna jkunu mfassla iżda wkoll għal-livell ta' implikazzjoni ta' Parlamenti Nazzjonali f'din iz-zona.

F'kull sessjoni, id-diskussjoni tista' tiffoka fuq li tevalwa:
- is-sitwazzjoni attwali ta' dawn il-politiki
- kif is-sitwazzjoni se tevolvi u/jew għandha tevolvi tul il-ftit snin li ġejjin
- kif issaħħaħ il-koperazzjoni bejn il-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet speċifiċi marbuta ma' l-AFSJ u ssaħħaħ djalogu dirett bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali.

Il-proposti u s-suġġetti mqajma waqt il-laqgħa se jkunu essenzjali għat-tħejjija tad-dibattitu annwali tal-Parlament Ewropew dwar il-progress fiz-zona tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja previst fl-Artikolu 39 tat-Trattat ta' l-UE u skedat għal Diċembru 2007.

[1] L-Artikolu 64 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea jgħid: "Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 226 sa 228, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta miżuri li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni tal-linji ta' politika ta' l-Unjoni previsti f'dan it-Titolu mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu informati bil-kontenut u bir-riżultati ta' din il-valutazzjoni."

[2] Abbozz ta' Trattat li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, 5 ta' Ottubru 2007, http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/cg00001re01en.pdf.

Linji gwida prattiċi għad-dibattitu

• Il-preżentazzjonijiet li jiftħu kull sessjoni se jkunu limitati għal 10 minuti.
• Matul id-diskussjoni, sabiex ikun possibbli li jintervjenu l-ogħla numru ta' membri parlamentari, il-ħin għad-diskors se jkun limitat għal tliet minuti għal kull kontribut jew mistoqsija.
• Il-Membri li jitolbu biex jagħmlu intervent huma ġentilment mitluba jinfurmaw liċ-chairperson billi jindikaw l-isem u l-Parlament tagħhom fuq karta speċjali. L-interventi tal-Membri se jsiru skond l-ordni li fihom jintbagħtu t-talbiet, u kull darba minn żewġ Membri ta' Parlamenti nazzjonali, segwiti minn Membru wieħed tal-Parlament Ewropew.
• Kelliema li jkunu jixtiequ jżidu mad-diskorsi tagħhom jistgħu jagħmlu dan bil-mikutb billi jissottomettu dokument (preferibilment bl-Ingliż jew bil-Franċiż) minn qabel lis-segretarjat (email: rpem-multilateral@europarl.europa.eu). Dawn id-dokumenti se jitqassmu waqt il-laqgħa.
• Id-dokumenti tal-laqgħa se jitqiegħdu progressivament fl-indirizz li ġej: http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2004_2009/organes/libe/libe_20071126_1500_joint%20comm.htm

It-Tnejn 26 ta' Novembru 2007

15.00-15.30 SESSJONI TAL-FTUĦ

Merħba mis-**Sur Jean-Marie CAVADA**, Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Parlament Ewropew u mis-**Sur Osvaldo de CASTRO**, Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji ta' l-Assembleia da República tal-Portugall

Diskors tal-ftuħ minn **Jonathan FAULL**, Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea

15.30-17.00 SESSJONI 1
X'INHU L-IRWOL TAL-PARLAMENTI FL-APPROĊĊ GLOBALI TA' L-UE GĦALL-MIGRAZZJONI? L-EŻEMPJU TA' L-ABBOZZ TA' DIRETTIVA DWAR SANZJONIJIET KONTRA MIN JIMPJEGA ĦADDIEMA IRREGOLARI

Chairperson: Is-**Sur Osvaldo de CASTRO**, Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji ta' l-Assembleia da República tal-Portugall

Fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005, il-Kapijiet ta' l-Istati u l-gvernijiet ta' l-UE adottaw "approċċ globali għall-migrazzjoni" li reġa' ġie affermat f'Diċembru 2006. Reċentement, il-Kummissjoni Ewropea ressqet diversi inizjattivi u komunikazzjonijiet biex timplimenta dan l-approċċ globali[1], b'waħda minnhom tkun il-*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali*[2]. Din il-proposta għandha l-ħsieb li tindirizza waħda mill-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni illegali: is-suq tax-xogħol illegali. X'inhi l-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tas-sanzjonijiet kontra min jimpjega ħaddiema illegali? X'tip ta' sanzjonijiet jipprovdu? Huma effettivi u effiċjenti? X'konsegwenzi se jkollu l-abbozz ta' direttiva fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali?

Id-diskussjoni se tgħin biex tkun ifformata l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adozzjoni tad-direttiva skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni. Hija se tipprovdi wkoll forum utli ħafna għat-tħejjija għad-dibattiti fil-Parlamenti Nazzjonali u għat-traspożizzjoni futura ta' din id-direttiva importanti.

[1] Ara pereżempju l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskopijiet ta' impjieg li jeħtieġ kwalifiki għoljin (COM(2007)0637) u l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni waħda għal permess wieħed biex ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu joqogħdu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar sett komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li joqogħdu b'mod legali fi Stat Membru (COM(2007)0638).
[2] COM(2007)0249.

15.30-16.00: Preżentazzjonijiet

Is-**Sur Rui PEREIRA**, Ministru ta' l-Amministrazzjoni Interna, Portugall
Is-**Sur António FILIPE**, Deputat Spiker u Viċi-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji u s-**Sur Nuno MAGALHÃES**, Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji, Assembleia da República tal-Portugall
Is-**Sra Ana MATO ADROVER**, Rapporteur għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u s-**Sur Claudio FAVA**, Rapporteur għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, Parlament Ewropew

16.00-17.00 Diskussjoni

17.00-18.30 SESSJONI 2
IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU: X'INHU L-IRWOL TA' L-UE?

Chairperson: Is-**Sur Jean-Marie CAVADA**, Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Parlament Ewropew

Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-ġlieda kontra t-terroriżmu kienet il-bażi għall-adozzjoni ta' ħafna atti legali biex tiġi msaħħa l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u biex jiġu stabbiliti standards komuni f'dan il-qasam, fuq il-bażi ta' l-Istrateġija ta' l-UE Kontra t-Terroriżmu adottata f'Diċembru 2005.
Madankollu, f'Lulju 2007, il-Kummissjoni nnotat b'dispjaċir li "*l-konformità u/jew l-applikazzjoni fuq il-livell nazzjonali ta' strumenti legali rigward it-terroriżmu (...) hija diffiċli ħafna li tiġi evalwata, minħabba li ħafna drabi ma jkun hemm la rapporti pprovduti minn dawn l-istrumenti, u lanqas ma jkun hemm xi obbligu għall-Istati Membri sabiex jikkomunikaw miżuri nazzjonali xierqa*". Fir-rigward tad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Istati Membri kollha ta' l-UE-25 ikkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom iżda li "*l-livell tat-traspożizzjoni mhux dejjem ikun sħiħ*"[1]. Fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku, il-Kummissjoni ħabbret li l-Istati Membri kollha kienu kkomunikaw miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali rigward il-Mandat ta' Arrest Ewropew iżda li mill-inqas erba' Stati Membri għadhom mistiedna jagħmlu sforzi sabiex ikunu konformi bi sħiħ ma' din id-Deċiżjoni ta' Qafas.

X'jista' jsir sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam? Kif jista' jiġi żgurat li l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam ikunu komplementari? Kif tista' l-UE ssib bilanċ bejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-rispett tad-drittijiet fundamentali?

17.00-17.30 Preżentazzjonijiet

Is-**Sur Gilles de KERCHOVE**, Koordinatur Ewropew għal Kontra t-Terroriżmu
Is-**Sur Christian AHRENDT**, Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Interni tal-Bundestag Ġermaniż

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja għall-2006 (COM(2007)0373).

Is-**Sur Stavros LAMBRINIDIS**, Viċi-Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Parlament Ewropew

17.30-18.30 Diskussjoni

19.00 Ikla

It-Tlieta 27 ta' Novembru 2007

9.00-10.30 SESSJONI 3
L-ISKAMBJU TA' DEJTA GĦAL SKOPIJIET TA' SIGURTÀ: L-EŻEMPJI TAT-TRATTAT TA' PRÜM U L-PNR

Chairperson: Is-**Sur Osvaldo de CASTRO**, Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji ta' l-Assembleia da República tal-Portugall

L-Istati Membri ta' l-UE dan l-aħħar iddiskutew u qablu dwar numru ta' mezzi għall-iskambju ta' dejta għal skopijiet ta' sigurtà kemm fl-UE u kemm ma' pajjiżi terzi: it-Trattat ta' Prüm u l-ftehima dwar il-PNR huma probabilment l-eżempji ewlenin.
It-Trattat ta' Prüm ġie ffirmat fl-2005 minn seba' Stati Membri u d-deċiżjoni biex jiġu integrati d-dispożizzjonijiet essenzjali tiegħu fil-qafas legali ta' l-Unjoni ttieħdet fil-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ta' Ġunju 2007: huwa jipprovdi għall-iskambju tal-marki tas-swaba', tad-DNA u tad-dejta tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri. Fit-28 ta' Ġunju 2007 ntlaħqet ftehima ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar it-trasferiment tad-dejta tal-passiġġieri ta' l-ajru (PNR - 'Passenger Name Records'): hija tipprovdi għat-trasferiment ta' dejta li jista' jkollha sa 19-il qasam u li tista' tinżamm mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti sa 15-il sena.
Barra minn hekk, il-Kummissjoni reċentement ippproponiet il-ħolqien ta' sistema Ewropea tal-PNR[1] li dwarha se jkun ikkonsultat il-Parlament Ewropew u se jkunu assoċjati l-Parlamenti Nazzjonali.

Dawn il-ħafna miżuri huma proporzjonati u effettivi? X'inhu l-impatt tagħhom?
Barra minn hekk, fiż-żewġ eżempji, il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti Nazzjonali ġew eskluži min-negozjati. Kemm huwa possibbli li tiżdied is-superviżjoni demokratika fuq tali kwistjonijiet?
Xi Stati Membri diġà ħolqu sistema tal-PNR fil-livell nazzjonali. X'inhi l-esperjenza tagħhom b'din is-sistema?

9.00-9.30 Preżentazzjonijiet

[1] Proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tar-Rekords ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR) għal skopijiet ta' nfurzar tal-liġi (COM(2007)0654).

Is-**Sur José MAGALHÃES**, Assistent Segretarju ta' l-Istat, responsabbli mill-Amministrazzjoni Interna, Portugall
Is-**Sur Peter SCHAAR**, Kummissarju Federali Ġermaniż għall-Protezzjoni tad-Dejta u Chairperson tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29
Lord JOPLING, Chairperson tas-Sottokumitat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Magħżul dwar l-Unjoni Ewropea tal-House of Lords
Is-**Sra Sophie IN'T VELD**, Membru tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

9.30-10.30 Diskussjoni

10.30-12.00 SESSJONI 4
PROSPETTI U LIMITI TAL-
LIĠI KRIMINALI EWROPEA U NAZZJONALI

Chairperson: Is-**Sur Jean-Marie CAVADA**, Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Parlament Ewropew

Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fit-13 ta' Settembru 2005[1] kienet deċiżjoni importanti: il-Qorti ddeċidiet li l-kompetenzi tal-Komunità Ewropea biex ikun imħares l-ambjent jinkludu wkoll is-setgħa li titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw tali ħarsien permezz ta' sanzjonijiet kriminali għal reati serji. Sentenza oħra tal-Qorti, dwar tniġġis ikkawżat minn bastimenti, ingħatat fit-23 ta' Ottubru 2007[2] u diversi proposti tal-Kummissjoni Ewropea li jintroduċu sanzjonijiet kriminali qed jiġu diskussi bħalissa fil-Parlament Ewropew.
Dan l-iżvilupp, kif ukoll it-Trattat ta' Riforma l-ġdid, li jestendi l-koperazzjoni fi kwistjonijiet ta' liġi kriminali għal strutturi Komunitarji tat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'kodeċiżjoni, se jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-liġi kriminali ta' l-UE u ta' l-Istati Membri. X'inhi l-pożizzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali fir-rigward ta' dawn l-iżviluppi reċenti? Il-politika kriminali ta' l-UE kif se (jew għandha) tevolvi fil-futur qrib u partikolarment jekk it-Trattat ta' Riforma jkun ratifikat?

10.30-11.00 Preżentazzjonijiet

Is-**Sur José CONDE RODRIGUES**, Assistent Segretarju ta' l-Istat, responsabbli mill-Ġustizzja (jirrappreżenta lill-Ministru tal-Ġustizzja), Portugall
Rappreżentant ta' Parlament Nazzjonali
Is-**Sra Maria da Assunção ESTEVES**, Membru tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

11.00-12.00 Diskussjoni

[1] C-176/03 Kummissjoni/Kunsill.
[2] C-440/05 Kummissjoni/Kunsill.

12.00-12.30 SESSJONI TA' L-GĦELUQ

KONKLUŻJONIJIET U PERSPETTIVA TA' ZONA TA' ĦIDMA INTERPARLAMENTARI

Konklużjonijiet mis-**Sur Osvaldo de CASTRO**, Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, id-Drittijiet, il-Libertajiet u l-Garanziji ta' l-Assembleia da República tal-Portugall u mis-**Sur Jean-Marie CAVADA**, Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, Parlament Ewropew